

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 161/2014

tal-25 ta' Settembru 2014

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2015/1229]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 630/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabblaxxi regoli għall-prevenzjoni, l-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (⁽¹⁾) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 631/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 546/2006 u r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 233/2012 (⁽²⁾) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 631/2013 iħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 546/2006 tal-31 ta' Marzu 2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-programmi nazzjonali għall-kontroll ta' l-iscrapie u garanziji addizzjonal u li jidderoga minn ċerti kondizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2003/100/KE u li jirrevoka r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1874/2003 (⁽³⁾) u r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 233/2012 tas-16 ta' Marzu 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscrapie emendat għad-Danmarka (⁽⁴⁾), li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandhom jitħassru skont il-Ftehim ŻEE.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkonċċera l-leġiżlazzjoni rigward kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tigħi estiżha għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (5) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej hu miżjud fil-punt 12 (ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-parti 7.1:

"— **32013 R 0630:** Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 630/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 60)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 12 (ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 7.1:

"I. Fl-Anness VIII, Kapitolo A, Taqsima A, il-Punt 3.2 li ġej huwa miżjud:

‘— in-Norveġja.’"

3. It-test tal-punti 27 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 546/2006) u 58 (ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 233/2012) fil-Parti 7.2 huwa mħassar.

(¹) ĠU L 179, 29.6.2013, p. 60.

(²) ĠU L 179, 29.6.2013, p. 84.

(³) ĠU L 94, 1.4.2006, p. 28.

(⁴) ĠU L 78, 17.3.2012, p. 13.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 630/2013 u r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 631/2013 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Settembru 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2014.

Għall-Kunċiatt Kongġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonal ma huma indikati.